MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2003

Numru 203/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND BORG**

**VS**

**JOSEPH MARY CAUCHI**

**Illum 5 ta' Marzu 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Joseph Mary Cauchi ta’ 62 sena, bin Carmelo u Maria nee’ Spiteri, imwieled Hal Qormi fit-28 ta’ Frar, 1940, u joqghod fil-fond numru Flt. 4, Blk X3, Triq id-deheb Fin, Hal Qormi, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 0201440 (M);

Talli fit-13 ta’ Marzu, 2002, f’dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta’ Lm500 fi flus ghad-detriment tal-Bank of Valletta (fergha tal-bank imsemmi ta’ L-Imqabba) liema serq hu kkwalifikat bil-valur, bil-persuna u bil-lok;

U aktar talli xjentement laqgha ghandu hwejjeg misruqa (pakkett fi flus karti li jammonta ghal Lm500), mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat u ndahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Wara illi rat l-Artikoli 267, 268(d) u 269(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta’ l-imputat, ma’ thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssibu hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti, qeghda filwaqt li ssibu hati, qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fiz-zmien tlett (3) snin mil-lum, a tenur ta’ l-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

---------------------------------TMIEM---------------------------------